# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2018**

**Numru 5**

**Rikors Numru 372/17 TA**

**(1) George Camilleri (408055M), (2) Paul Abela (404464M), (3) Nazzareno Abela (17073M), (4) Carmelo Schembri (662232M), (5) Dolores Sammut (381131M), (6) Caterina Zammit (38637M), (7) Mary Jane Cutajar (534951M), (8) Jane Bonnici (680852M), (9) Rosaria sive Rose Caruana (225354M), (10) Maria Dolores sive Doreen Micallef (151175M), (11) Saviour sive Silvio Schembri (258658M), (12) Carmen Sommerville (247540M), (13) Joseph Vella (870544M), (14) Ludgardo sive Edgar Vella (1074347M), (15) Mary Azzopardi (1000850M), (16) Victor Vella (314655M), (17) Raymond Vella (119461M), (18) Josephine Gauci (756045M), (19) Alfred Camilleri (463451M), (20) Carmel Abela (324966M), (21) Venera sive Rini Scicluna (67859M), (22) Margaret Camilleri (623263M), (23) Maria Camilleri (618663M) bhala kuratrici tal-inabilitat Alan Camilleri (228689M), (24) Terezino Sammut (160552M) li qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Rita Lea Giesker (Licenzja tal-istat ta' California K0412691), Dorothy Ann Crume (Licenzja tal-istat ta' Colorado 06-017-0663), Patrick Roland Little (Licenzja tal-istat ta' California N6747078), Pauline V. Molder (California Senior Citizen Identification Card DS430727), Michelle Lee Chetcuti Steely (Licenzja tal-istat ta' California D7920802), Anna Marie Rose Briffa (Licenzja tal-istat ta' California N7716399), Mary Elizabeth Byrd (Licenzja tal-istat ta' Mississippi 800568032), Susan Ann Chetcuti (Licenzja tal-istat ta' California C4082095), Angelo Frederick John Chetcuti (Licenzja tal-istat ta' California C6618776), Michael John**

**Chetcuti (Licenzja tal-istat ta’ California A5718367), Joanne Carmen Troche (Licenzja tal-istat ta' California numru N6840221), Donna Marie Caton (Licenzja tal-istat ta' California C5522580), Katerine Mary Agius (Licenzja tal-istat ta' California numru C6933921), John Joseph Micallef (Licenzja tal-istat ta' California numru N9741187), Alfred John Fenech (Licenzja tal-istat ta’ Iowa numru 659WW1156), Josephine Margaret Gallo (Licenzja tal-Istat ta’ California F0809257), Carmela Victoria Boschetti (Licenzja tal-istat ta’ California M0128717), Kenneth Allen Tassef (Licenzja tal-istat ta’ California N7157226), Stacey Lorraine Gibbons (Licenzja tal-istat ta’ California N9735567) u Jennifer Lea Tassef (Licenzja tal-istat ta’ California numru N8576661), Carmela Anderson (Licenzja tal-Istat ta’ California F0794078), Rose Marie Frances Lewis (Licenzja tal-istat ta’ California D0939852), Albert John Coster (Licenzja tal-istat ta' California numru JO399131), Joseph Edward Coster (Passport Amerikan Numru 551161425), u f'isem il-John Francis Fenech Family Trust, debitament awtorizzat, (25) Maria Valerie Zammit (323258M), u (26) Angela Borg (534656M)**

**vs**

**(1) L-Avukat Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Madeline Firman bhala kuraturi deputati mahtura in forza ta' digriet tas-16 ta’ Mejju, 2017 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Dennis Debono, Joe Debono, Rose Pirotta, Paul Azzopardi, Jane van Zant, Victoria sive Vicky Borg, Paul Portelli, John Portelli, Frank Jr Portelli, Janey Portelli, Norrine Portelli, Vincent Borg, u; Thomas J. Coster (Passaport Amerikan numru 488739580), Connie Hughes, u Sherry Hughes, u Tammy Maxon ghal kull interess li jista' jkollhom, flimkien ma' l-eredi mhux maghrufa ta' Joseph Borg JR u Joseph Azzopardi; kif ukoll lill-eredi mhux maghrufa ta' Francesco Stivala, Giuseppe Stivala u Giovanni Stivala**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors mahluf prezentat mir-Rikorrenti u guramentat mill-istess George Camilleri fis-26 ta’ April 2017 li permezz tieghu premettew u talbu s-segwenti:-

"Illi l-esponenti flimkien mal-intimati huma proprjetarji tal-lok ta' djar bin-numru hamsa (5), xi drabi maghruf bin-numru tnejn (2), gja' bin-numru tmienja u ghoxrin (28), Sqaq Numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar, flimkien mal-fond bin-numru disgha u hamsin (59), gja' numru bin-numru tletin (30), fi Triq Castro, Naxxar. Fil-passat dawn iz-zewg fondi kienu maghquda flimkien. Illum il-komposizzjoni tal-proprjetajiet immobbli hawn fuq imsemmija inbidlet b'dana illi l-fond numru sitta (6) gja' numru disgha u ghoxrin (29) fi Sqaq numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar jinfed mal-fond numru disgha u hamsin (59), gja' numru tletin (30), Triq Castro Naxxar. Madankollu, il-fond bin-numru 5, Sqaq Numru 4, Triq Castro, Naxxar u l-fond numru 59, Triq Castro, Naxxar, qeghdin jinbieghu bhala lok tad-djar wiehed.

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' 65.22% (1,051,807/1,612,800) sehem indiviz tal-imsemmi lok ta' djar.

Illi l-intimati kollha huma sidien ta' 34.78% sehem indiviz tal-proprjeta' hawn fuq imsemmija. Fil-fatt, l-intimati kollha hlief ghall-eredi mhux maghrufa ta' Francesco Stivala, Giuseppe Stivala u Giovanni Stivala, huma flimkien proprjetarji ta' 23.06% (371,993/1,612,800) sehem indiviz tal-imsemmi lok ta' djar. Ir-rimanenti sehem ta' 11.72% (jew ahjar 15/128) sehem indiviz jappartjeni lill-eredi mhux maghrufa ta' Francesco Stivala, Giuseppe Stivala u Giovanni Stivala.

Illi originarjament il-proprjeta' hawn fuq imsemmija kienet tappartjeni lil Salvatore Stivala u martu Rosa Stivala nee' Calafato.

Illi l-imsemmi Salvatore Stivala flimkien ma' uliedu Maria Fenech nee' Stivala, u Giuseppe, Francesco u Giovanni ahwa Stivala qasmu l-istess proprjeta' in forza ta' att ta' divizjoni tat-18 ta' Novembru 1891 fl-atti tan-Nutar Alfredo Maria Camilleri u dan wara li mietet Rosa Stivala nee' Calafato fil-27 ta' Gunju 1878. In forza tal-imsemmi kuntratt, Giuseppe, Francesco u Giovanni Stivala gew assenjati 27/32 sehem indiviz mill-imsemmija proprjetajiet filwaqt li kondividenti l-iehor Salvatore Stivala zamm ir-rimanenti sehem indiviz ta' 5/32.

Illi sussegwentement l-imsemmija Giuseppe, Francesco u Giovanni Stivala ttrasferew is-sehem taghhom ta' 27/32 lil ohthom Maria Fenech nee' Stivala in forza ta' kuntratt tat-13 ta' Ottubru 1912 fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio DeBono.

Illi l-imsemmi Salvatore Stivala miet armel fis-27 ta' Frar 1892 u peress li miet intestat wirtuh skond il-ligi l-erbat ulied tieghu u cioe' Maria Fenech, Giovanni, Giuseppe u Francesco ahwa Stivala.

Illi ghalhekk is-sehem indiviz ta' 5/32 li kien ghadu jappartjeni lill-imsemmi Salvatore Stivala iddevolva 5/128 sehem indiviz favur kull wiehed u wahda mill-ahwa Stivala. Ghalhekk l-eredi mhux maghrufa ta' Giuseppe, Francesco

u Giovanni, ahwa Stivala, jipposjedu bejniethom is-sehem ta' 15/128 indiviz tal-lok ta' djar hawn fuq imsemmi.

Illi Maria Fenech nee' Stivala mietet intestata u armla fl-10 ta' Jannar 1931 u ghalhekk wirtuha skond il-ligi l-hames ulied taghha Salvatore, Carmelo, Joseph, Giovanni u Rose Camilleri ahwa Fenech. Zewg l-imsemmija Maria Fenech, Francesco Fenech, kien miet intestat qabilha fit-30 April 1924 u ghalhekk anke s-sehem tieghu mill-proprjeta' li Maria Fenech akkwistat b'titolu ta' bejgh kif hawn fuq spjegat, wirtuh skond il-ligi l-hames ulied tieghu.

Illi Francesco Stivala miet fis-27 ta' Frar 1918 u l-esponenti m'ghandhom ebda informazzjoni dwar is-successuri tieghu fit-titolu.

Illi l-esponenti lanqas ma jistghu jaslu ghall-identita' tal-eredi ta' Giuseppe Stivala u Giovanni Stivala llum u m'ghandhom ebda informazzjoni ohra fir-rigward.

Illi l-esponenti kollha kif ukoll l-intimati Dennis Debono, Joe Debono, Rose Pirotta, Paul Azzopardi, Jane van Zant, Victoria sive Vicky Borg, Paul Portelli, John Portelli, Frank Jr Portelli, Janey Portelli, Norrine Portelli, Vincent Borg, u; Thomas J. Coster (Passaport Amerikan numru 488739580), Connie Hughes, u Sherry Hughes, u Tammy Maxon ghal kull interess li jista' jkollhom, flimkien ma' l-eredi mhux maghrufa ta' Joseph Borg JR u Joseph Azzopardi huma lkoll s-successuri fit-titolu ta' Maria Fenech nee' Stivala u ta' zewgha Francesco Fenech u dan kif jirrizulta mill-arbli tar-razza annessi ma' dan ir-rikors guramentat.

Illi l-intimati Dennis Debono, Joe Debono, Rose Pirotta, Paul Azzopardi, Jane van Zant, Victoria sive Vicky Borg, Paul Portelli, John Portelli, Frank Jr Portelli, Janey Portelli, Norrine Portelli, Vincent Borg, u; Thomas J. Coster (Passaport Amerikan numru 488739580), Connie Hughes, u Sherry Hughes, u Tammy Maxon ghal kull interess li jista' jkollhom, flimkien ma' l-eredi mhux maghrufa ta' Joseph Borg JR u Joseph Azzopardi mhumiex qeghdin jikkooperaw mal-imsemmi bejgh peress li s-sehem dovut lilhom mir-rikavat tal-bejgh huwa zghir hafna u ma jidhirx li huma interessati li jinvolvu ruhhom f'dan it-trasferiment, anke peress li huma assenti mill-gzejjer Maltin u huma permanentement residenti l-Amerka.

Illi permezz ta' konvenju datat 4 ta' Dicembru 2014 kif imgedded u emendat bi skritturi tal-1 ta' Gunju 2016 u tat-30 ta' Awissu 2016 debitament registrati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-esponenti obbligaw ruhhom li jbieghu favur terzi l-immobbli mertu ta' din il-kawza, flimkien ma' l-immobbli l-iehor mertu tal-kawza prezentata kontestwalment fl-istess ismijiet versu l-prezz komplessiv ta' €295,000.

Illi dan il-prezz huwa prezz gust anke kif konfermat b'rapport redatt mill-Perit AIC George Farrugia.

Illi ghal finijiet ta' apporzjonament tal-prezz, l-esponenti u x-xerrejja qablu li l-prezz ghal-lok tad-djar indikat bin-numru hamsa (5), gja' numru tmienja u ghoxrin (28), Sqaq Numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar, flimkien mal-fond bin-numru disgha u hamsin (59), gja' numru tletin (30), Triq Castro, Naxxar, Naxxar, ghandu jkun ta' mija hamsa u erbghin elf Euro (€145,000) filwaqt li dak ghall-proprjeta' bin-numru sitta (6), xi drabi maghrufa bin-numru tlieta (3), gja' bin-numru disgha u ghoxrin (29) fi Sqaq Numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar, ghandu jkun ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000).

Illi l-intimati qed jirrifjutaw minghajr raguni valida li jaqblu mal-esponenti sabiex l-immobbli fuq deskritt jinbiegh bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-ohra tal-konvenju hawn fuq imsemmi.

Illi l-esponenti ghamlu diversi tentattivi sabiex isolvu din il-kwistjoni bonarjament izda l-intimati baqghu jirrifjutaw li jsir il-bejgh minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi ghal kull bwon fini, u skond l-**artikolu 495A** tal-**Kodici Civili**, l-esponenti qed jannettu (i) dikjarazzjoni taghhom li huma jaqblu li jsir dan il-bejgh fit-termini tal-imsemmi konvenji; u (ii) prospett li juri l-ghadd u l-valur tal-ishma li ghandu kull wiehed minnhom.

Illi l-intimati mhux ser jigu ppregudikati jekk din il-Qorti tawtorizza l-bejgh tal-proprjeta’ hawn fuq imsemmija bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-ohra stipulati fil-konvenju fuq imsemmi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

i. tawtorizza l-bejgh tal-lok ta' djar bin-numru hamsa (5), xi drabi maghruf bin-numru tnejn (2), gja' bin-numru tmienja u ghoxrin (28), Sqaq Numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar, flimkien mal-fond bin-numru disgha u hamsin (59), gja' numru bin-numru tletin (30), fi Triq Castro, Naxxar bil-prezz, pattijiet u kundizzjonijiet l-ohra kollha stipulati fil-konvenju datat 4 ta' Dicembru 2014 kif emendat u estiz bl-iskritturi datati l-1 ta' Gunju 2016 u t-30 ta' Awissu 2016, u kif ahjar maqbul bejn l-atturi u x-xerrejja terzi.

ii. tistabilixxi l-hin, il-jum u l-post meta u fejn ghandu jsir it-trasferiment;

iii. tahtar lin-Nutar David Joseph Borg sabiex jippublika l-att ta’ bejgh relattiv;

iv. tahtar kuraturi deputati f’kaz li xi hadd mill-kontendenti kemm jekk konvenuti, kemm jekk atturi, jonqsu milli jidhru quddiem l-imsemmi Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh hekk awtorizzat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jinqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Madeleine Firman prezentata fit-13 ta' Lulju 2017 li permezz taghha wiegbu s-segwenti:-

> "1. Illi huma, fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Dennis Debono, Joe Debono, Rose Pirotta, Paul Azopardi, Jan van Zant, Victoria sive Vicky Borg, Paul Portelli, John Portelli, Frank Jr Portelli, Janet Portelli, Norrine Portelli, Vincent Borg u Thomas J. Coster (Passaport Amerikan numru 488739580), Connie Hughes u Sherry Hughes u Tammy Maxon ghal kull interess li jista' jkollhom, flimkien ma' l-eredi mhux maghrufa ta' Joseph Borg JR u Joseph Azzopardi; kif ukoll lill-eredi mhux maghrufa ta' Francesco Stivala, Giuseppe Stivala u Giovanni Stivala mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw ili jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.
>
> 2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom igibu prova dwar l-idoneita` tal-prezz tal-bejgh tal-fondi de quo kif ukoll tal-konsistenza tal-ishma spettanti lill-komproprjetarji kollha mill-wirt in kwistjoni.
>
> 3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-digriet tal-20 ta' Novembru 2017 li permezz tieghu giet korretta r-raba' (4) talba tar-Rikors promotur;

Rat id-digriet tal-20 ta' Gunju 2017 tal-Qorti kif kienet diversament presjeduta fejn ordnat illi din il-Kawza u cioe` numru 373/2017TA, tinstema' flimkien mal-Kawza numru 372/2017 TA;

Rat ghalhekk li z-zewg Rikorsi gew mismugha u trattati konteswalment;

Qieset ix-xhieda kollha prodotta miz-zewg partijiet, kemm dik bil-proceduri tal-Affidavit u anke dik *viva voce*;

Gharblet id-dokumenti kollha, kemm dawk esebiti mar-Rikors promotur u kif ukoll fil-mori tat-trattazzjoni tar-Rikors odjern.

**Ikkunsidrat**

Jemergi bl-aktar mod car, anke mill-istess Rikors promotur li din il-kawza qeghdha ssir abbazi tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili.

Il-fond mertu tar-Rikors odjern huwa l-lok tad-djar bin-numru hamsa (5), xi drabi maghruf bin-numru tnejn (2), gja` bin-numru tmienja u ghoxrin (28), Sqaq Numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar, flimkien mal-fond bin-numru disgha u hamsin (59), gja` bin-numru tletin (30), fi Triq Castro, Naxxar. Dan huwa l-fond li bis-sahha tal-istess konvenju tal-4 ta' Dicembru 2014 , kif anke imgedded fil-mori ta' dawn il-proceduri (ara a` fol 78 u 779), ghandu jinbiegh mal-fond bin-numru sitta (6), xi drabi maghruf bin-numru tlieta (3), gja' bin-numru disgha u ghoxrin (29), fi Sqaq numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar. Ai fini ta' kjarifika irid jinghad li dan l-ahhar fond huwa l-mertu ta' Rikors iehor numru 373/2017 TA fl-ismijiet George Camilleri et -vs- Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar et, liema Rikors qieghed jinstema' u jkun trattat kontestwalment mar-Rikors odjern skont id-digriet fuq imsemmi u deciz illum stess flimkien ma' dan ir-rikors. Ai fini ta' kjarifika, dan il-fond ossia lok huwa

indikat bin-numru tnejn (2) fil-konvenju tal-4 ta' Dicembru 2014. Id-dettalji aktar precizi u storici tal-fond ossia lok imsemmija fir-rikors odjern gew akkwistati bir-ricerki li saru fil-mori tal-konvenju in kwistjoni.

Il-Qorti trid ukoll tinnota, li minkejja li dawn iz-zewg fondi ser jinbieghu bis-sahha tal-istess konvenju fuq imsemmi bil-prezz kumplessiv ta' mitejn hamsa u disghin elf ewro (€295,000), f'dan il-prezz hemm kompriz il-valur tal-fond mertu tar-Rikors odjern u cioe` dak ta' mija u hamsa u erbghin elf ewro (€145,000). Dan ifisser, li meta dan il-fond jinbiegh finalment, huwa dan il-valur li ghandu jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi taghhom ai fini tar-rikors odjern.

Il-Qorti semghet dak li kellhom xi ghidu il-partijiet, kemm sa fejn jirrigwarda l-kwoti tal-kontendenti u anke dwar il-valuri moghtija fil-konvenju fuq imsemmi. F'dan ir-rigward il-Qorti qrat kemm l-affidavit tan-Nutar David Joseph Borg (a` fol 118 fl-atti tar-rikors 373/2017TA) u kif ukoll il-kontro ezami tieghu fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2017 (ara fol 809). Jirrizulta, li n-Nutar inkwistjoni ghamel ezercizzju fit-tul u akkurat, anke jekk kien wiehed xi ftit penuz, biex wasal ghall-porzjonijiet li jispettaw lil kull wiehed mill-kontendenti. Il-Qorti hija ghalhekk konvinta, li l-porzjonijiet huma dawk kif indikati fl-affidavit ta' George Camilleri, li kif jikkonferma, dawn huma l-porzjonijiet u kwoti kif mahruga mill-istess Nutar.

Sa fejn jirrigwarda l-valur tal-fond mertu ta' dan ir-Rikors, il-Qorti qieset ix-xhieda in ezami u kontro ezami pjuttost isserrat tal-Perit George Farrugia mill-Avukat Joe Ellis (a` fol 121 tar-rikors numru 373/2017TA u a` fol 771 ta' dan ir-rikors) u kif ukoll mill-Avukat Dr. Mark A. Mifsud (a` fol 171 et sequens tar-rikors numru 373/2017TA). Il-Qorti hija sodisfatta, mix-xhieda ta' dan il-Perit, tenut kont tal-kundizzjoni xejn tajba li jinsab fih dan il-fond, li l-valur moghti huwa wiehed rejalistiku u li jirrifletti l-prezz tas-suq. Irid jinghad ukoll, li din il-Qorti tat opportunita` lil Kuraturi Deputati sabiex jikkomunikaw mal-assenti dwar il-valuri moghtija izda ma jidhirx li inghatatilhom risposta.

Il-Qorti tassew hija tenuta li thares l-interessi tal-kompropjetarji minoritarji aktar u aktar meta jkunu assenti, kif inhu l-kaz. Izda fl-istess hin, il-Qorti trid tiehu kont ukoll tal-interessi ta' dawk il-kompropjetarji li huma f'maggoranza, tiehu inkonsiderazzjoni z-zmien li l-propjeta' tkun ilha fi kompropjeta`, hafna drabi b'telf materjali ghall-kompropjetarji kollha. Gieli minhabba n-nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn dawk kollha interessati, gieli b'pika, gieli frott ta' nuqqas ta' interess, b'mod partikulari fejn il-kwota tkun zghira hafna u gieli wkoll minhabba cirkostanzi partikulari, frott ta' mewt jew imigrazzjoni ta' xi uhud mill-kompropjetarji jew dixxendenti taghhom.

L-artiklu 495A tal-Kodici Civili gie appositament imfassal propju biex jigu sorvolati, b'sens ta' gustizzja, dawn is-sitwazzjonijiet. Dawn il-Qrati jinsenjaw li "*Il-hsieb tal-ligi hu li tinghata procedura relattivament semplici u*

*ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjeta` li l-ligi ma tiffavorihx."* **(ara Decizjoni tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Lorraine Schembri Orland fl-ismijiet Avukat Victor Bugeja pro et -vs- Dr. Benjamin Valenzia nomine tat-2 ta' Gunju 2016 )**.

Ghalhekk wara li din il-Qorti evalwat u qieset ic-cirkostanzi kollha u hadet inkonsiderazzjoni kull fattur rilevanti tal-kaz odjern, fost ohrajn il-valuri li inghataw fuq il-konvenju u l-porzjonijiet ta' kull kontendent, hasset li ma kellhiex ghalfejn tordna stima indipendenti minn dik li rrizultat waqt dawn il-proceduri. Ghalhekk fl-interess tal-kontendenti kollha, il-Qorti ma hassetx il-htiega li tezercita l-poteri li ghandha taht Artiklu 495A (6) tal-Kodici Civili. Din il-Qorti temmen li bil-valur moghti fil-konvenju inkwistjoni, anke fid-dawl tal-kwoti rispettivi tal-kontendenti, hadd minnhom ma hu ser isoffri xi xorta ta' pregudizzju.

Fl-ahhar nett, il-Qorti ma tistax ma tapprezzax l-isforzi li ghamlu l-kuraturi deputati tul is-smiegh tar-rikors biex iharsu l-interessi tal-assenti.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha taqta' u tiddeciedi r-Rikors promotur bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-Rikorrenti, u tawtorizza l-bejgh tal-lok ta' djar bin-numru hamsa (5), xi drabi maghruf bin-numru tnejn (2), gja' bin-numru tmienja u ghoxrin (28), Sqaq Numru erbgha (4), Triq Castro, Naxxar, flimkien mal-fond bin-numru disgha u hamsin (59), gja' numru bin-numru tletin (30), fi Triq Castro, bil-prezz, pattijiet u kundizzjonijiet l-ohra kollha stipulati fil-konvenju datat 4 ta' Dicembru 2014, kif emendat u estiz bl-iskrittura tal-ewwel (1) ta' Gunju 2016 u t-tletin (30) ta' Awwissu 2016 u kif ghal darba ohra estiz fil-mori ta' dan ir-Rikors u kif ahjar maqbul bejn ir-rikorrenti u x-xerrejja terzi.

Ai fini ta' din it-talba, fid-dawl ta' dak li inghad aktar 'l fuq f'din id-Decizjoni, il-valur moghti lil dan il-fond huwa ta' mija u hamsa u erbghin elf Ewro (€145,000), liema ammont huwa kompriz fil-prezz totali konvenut fil-konvenju sucitat u liema ammont ghandu jkun maqsum bejn il-Kontendenti tar-Rikors odjern. Dan huwa l-istess ammont li huwa kompriz fil-prezz totali fir-rikors l-iehor li jgib in-numru 373/2017TA.

**Tilqa' it-tieni talba** tar-Rikorrenti, u tordna li l-bejgh finali jsir fil-5 ta' Frar, 2018 fil-11.00am, hdejn il-Kamra tal-Avukati, fit-Tieni Sular tal-Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

**Tilqa' it-tielet talba** tar-Rikorrenti, u tahtar lin-Nutar David Joseph Borg sabiex jippubblika l-att ta' bejgh relattiv.

**Tilqa' ir-raba' talba** tar-Rikorrenti, kif korretta b'digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Novembru 2017 u tahtar bhala Kuratur, kif irid l-artiklu 495A(7)(c) tal-Kodici Civili, lill-Avukat Joseph M. Buttigieg sabiex jirrapresenta lil min mill-kontendenti jonqos li jidher quddiem in-Nutar fuq imsemmi ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment, fid-data, hin u lok fuq imsemmija.

**Spejjes** ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu ssopportati skont il-kwota rispettiva ta' kull kontendent inkluz dawk tal-kuratur li qed ikun mahtur b'din is-Sentenza.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**